**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten'**, 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

**Seduta** 09/12 tas-sitt Kunsill Lokali elett Marzu 2008
**Data** 06/09/2012 fis-6.15pm
**Post** Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun

ŻEJTUN
Città Beland

Frott iż-Żebbuġ Ismi

| **Attendenza** | | |
|---|---|---|
| | Sindku Joe Attard | Preżenti. Mis-6.30pm sas-7.15pm is-Sindku kien skużat |
| | Vici Sindku Joan Agius | Preżenti |
| | Camilleri Claude | Preżenti |
| | Darmanin Richard | Preżenti mit-8.25pm |
| | Fenech Stephanie | Skużata minħabba safar |
| | Hales Joseph | Preżenti |
| | Pace Darrell | Preżenti |
| | Seychell Anthony | Preżenti mis-6.45pm |
| | Wille Piscopo Elisabeth | Skużata |
| **Preżenti wkoll** | Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon<br>Assistant Prinċipal Caroline Schembri | |

**09. 1.** **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 1. 1 | | Proponent: Pace<br>Sekondant: Hales | **Il-Minuti 08/12 inqraw u ġew approvati nem.con. b'dawn il-korrezzjonijiet:-** | |
| | | Is-Sindku spjega li fl-aħħar laqgħa l-Kunsillier Darmanin ġie u sab il-bieb magħluq. | | |
| | 08.2.4 | Minflok il-kliem 'f'din it-triq' ser jidħlu l-kliem fi 'Triq Ħal Tarxien'. | | |
| 09. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.** | | |

**09. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 2. 1 | 08.2.3 | Viċi-Sindku: Għaqda Mużikali Beland f'Żejt iż-Żejtun | Il-Viċi-Sindku rrappurtat il-laqgħa li saret ma' l-Għaqda Mużikali Beland fejn intlaħaq ftehim li din l-għaqda ser tibda tieħu sehem f'Żejt iż-Żejtun is-Sibt bi programm ta' tliet kwarti fuq iz-zuntier quddiem l-Oratorju bejn l-10.00 u l-10.45pm. Biex jinżamm bilanċ bejn l-Għaqdiet Mużikali Żwieten l-Għaqda Banda Żejtun qablet li l-Banda Żejtun iddoqq programm mużikali fen il-Knisja ta' San Girgor il-Ħadd bejn id-9.00 u 9.45am. | Sindku<br>Viċi-Sindku |
| 09. 2. 2 | 08.2.4 | Viċi-Sindku: Skart | Minħabba l-ammont ta' skart li jintrema b'abbuż fi Triq il-Ħotba, il-Viċi-Sindku issuġġeriet li jsiru open skips darba kull xahar filwaqt li Camilleri ssuġġerixxa li jsiru dummy cameras. Dwar l-iskart li qed jinħareġ fil-għaxija, **il-Kunsill qabel li tinkiteb ittra lis-sidien tal-ħwienet Homeplus u Gerada Pharmacy**. | Sindku |
| 09. 2. 3 | 08.2.6 | Viċi-Sindku: Ħmieġ ta' l-annimali fi Sqaq Sant'Anġlu | B'dispjaċir il-Kunsill innota l-ħmieġ ta' l-annimali fi Sqaq Sant'Anġlu wara li dan għandu kemm ġie irranġat mill-Kunsill Lokali. **Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat ittra lir-residenti ta' dan l-isqaq sabiex l-isqaq jinżamm nadif.** | Sindku |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 09. | 2. 4 | 08.2.10 | Segretarjat: Overspeeding madwar il-lokalita' | Is-Segretarjat informa lill-Kunsill li s-Superintendnet ma tax risposta għall-ittra li ntbagħtet mill-Kunsill dwar overspeeding madwar il-lokalita'. Is-Segretarjat avviċina lill-iSpettur Arthur Mercieca dwar il-każ. Il-Kunsillier Pace għarraf lill-Kunsill li d-distrett inqasam u s-Superintendent il-ġdid huwa Sandro Gatt. | Darmanin |
| 09. | 2. 5 | 08.2.12 | Viċi-Sindku: Reserved Parkings | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li r-reserved parking fid-dar ta' l-Anzjani sar. Hales ukoll ikkonferma li r-reserved parking fi Triq is-Salvatur sar. | Sindku<br>Viċi-Sindku<br>Darmanin |
| 09. | 2. 6 | 08.3.1 | Segretarjat: PA458/12 | Is-Segretarjat għarraf lill-Kunsill li l-oġġezzjoni tal-Kunsill għal dan il-gaming shop qegħda quddiem il-bord tal-MEPA. | Sindku |
| 09. | 2. 73 | 08.3.3 | Viċi-Sindku: Laqgħa mal-Awtorita' tad-Djar | Il-Viċi-Sindku irrapurtat il-laqgħa li hi kellha flimkien mas-Sindku, mal-Perita tal-Awtorita tad-Djar kif ukoll ma' 8 amministraturi tal-qasam tad-djar Ta' Ganza. Dwar iż-żewġ blokki li m'għandhomx amministraturi, is-Sindku ħatar lill-Viċi-Sindku sabiex tkun hi l-amministratriċi tagħhom. Illum saret spezzjoni mill-Awtorita' tad-Djar. Il-Viċi-Sindku ġiet infurmata li minkejja li s-sidien ta' l-appartamenti qed jilmentaw dwar il-periklu li jeżisti fis-soqfa, dawn mhux ser ikunu nklużi għall-kuntrarju ta' dak li ġie imwiegħed. L-iktar problema gravi li hemm huwa f'appartamenti nru 5 Blokk O f'Qasam Ħal Tmiem. Is-Sindku talab sabiex nistabilixxu persuna responsabbli minn dan il-qasam fl-Awtorita' tad-Djar. | Viċi-Sindku |
| 09. | 2. 8 | 08.3.14 | Hales: Triq Strejnu | Hales informa lill-Kunsill li din it-triq tnaddfet mill-ħaxix ħażin u ser tiddaħħal ma' l-urban street cleaning biex it-tindif tagħha jsir iktar ta' spiss. Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li fiż-żona ta' San Niklaw hemm problema ta' ġbir ta' skart reċiklabbli. | Hales |
| 09. | 2. 9 | 08.5.1 | Sindku: Sejħa għall-offerti PPP | Is-Sindku informa lill-Kunsill li nħarġet sejħa oħra għall-offerti għall-iskema tal-PPP skond kif titlob il-liġi u bi proċedura normali. B'dispjaċir il-Kunsill innota li ħadd ma tefa' din it-tender. Għaldaqstant **il-Kunsill qabel li għandu jinforma permezz ta' ittra lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.**<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li l-ispiza ta' Vjal 25 ta' Novembru taħt l-iskema PPP irduppjat peress li sar road study mill-Perita fejn ittieħed road sample u ssuġġeriet li f'postijiet speċifiċi kien hemm bżonn scarifying ta' pied u iktar. L-istima l-ġdida ta' din it-triq huwa ta' €144,000. Triq Santa Katarina għad irridu naraw x'fadal fil-baġit tal-PPP. | Sindku |
| 09. | 2. 10 | 08.8.7 | Viċi-Sindku: youths@local | Il-Viċi-Sindku talbet il-lista tal-membri tal-youths@local li ser jieħdu sehem fl-attivita Żejt iż-Żejtun. | Fenech |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 09. 2. 11 | 08.8.9 | Pace: Underground bring-in site | Il-Kunsillier Pace qal li jidher li l-problema ta' ilma fl-undergound bring-in site ta' Ġnien Brejġu, issolviet. | Sindku |
| 09. 2. 12 | 08.8.10 | Pace: Ġbir ta' skart minn Triq John Borg | Pace informa lill-Kunsill li l-inċident li ssemma fil-laqgħa preċedenti ma reġax seħħ pero' il-ħinijiet tal-ġbir hemm bżonn li jiġu stabbiliti. | Sindku |
| 09. 2. 13 | 08.8.11 | Camilleri: Korsijiet tal-kompjuter | Il-Kunsillier Camilleri informa lill-Kunsill li l-korsijiet tal-kompjuter spiċċaw. Jidher li dawn marru tajjeb peress li ma daħlux ilmenti. | Camilleri |
| 09. 2. 14 | 08.8.12 | Camilleri: Librerija Pubblika | Camilleri ser jitkellem mas-Sindku dwar ix-xogħlijiet li hemm bżonn isiru fil-librerija pubblika liema xogħlijiet ġew imqajjma fil-laqgħat preċedenti. Il-Gvern Ċentrali reġa' ta s-somma ta' €466 għall-ispejjez tal-librerija pubblika. Is-Sindku irrimarka li din hija somma miżera meta nqisu l-ispiża annwali tal-librerija. | Camilleri |
| 09. 2. 15 | 08.8.13 | Pace: Vjal 25 ta' Novembru | Il-Kunsillier Pace talab lill-Kunsill sabiex jiżbor is-sigar ta' znuber li jinsabu fi Vjal 25 ta' Novembru. Dan minħabba l-inċidenti tat-traffiku li qed jikkawżaw dawn is-siġar. Hales informa lill-Kunsill li issa dan ix-xogħol sar parti mill-kuntratt u l-Kunsill għandu l-permess jiżbor dawn is-sigar bejn Novembru u Marzu. | Hales |
| 09. 2. 16 | 08.8.15 | Viċi-Sindku: Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk il-problema tal-KSI għadiex tippersisti. Is-Segretarjat spjega li l-KSI kienet qed tiġi għal 9 permessi ta' xogħol f'daqqa. | |

**09. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML09/12. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 3. 1 | 11 | TM: Reserved Parking Bays f'Misraħ Gregorio Bonici u Misraħ Diċembru XIII | **Il-Kunsill qabel li jikteb lill-TM u lic-Chairman tal-KNDP li r-reserved parking bays f'Misraħ Diċembru XIII mhumiex timed filwaqt li dik ta' Misraħ Girgor Bonici għandha tibqa' timed minħabba l-ħwienet u l-bank kummerċjali.** | |
| 09. 3. 2 | 13 | Segretarjat: Laminating machine | **Il-Kunsill qabel li jiddisponi minn laminating machine li m'għadhiex tiffunzjona.** | Segretarjat |
| 09. 3. 3 | 15 | Brownrigg Installations: Kwotazzjoni ta' dawl għall-Knisja Parrokkjali | **Il-Kunsill qabel li jħallas nofs l-ispiża għall-floodlighting tal-koppla tal-Knisja Parrokkjali bħala bini pubbliku storiku.** | |
| 09. 3. 4 | 17 | Greenpak: Boroz ta' skart reċiklabbli | Il-Kunsill innota li l-aħħar kunsinna ta' boroz huma żgħar. Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-bżonn ta' eco wardens f'postijiet varji u speċifiċi madwar il-lokalita'. Is-Sindku ippropona sabiex il-ftit flus li qed jidħlu mill-LES system imorru għall-Eco Wardens. **Il-Kunsill qabel.** | Viċi-Sindku |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 09. 3. 5 | 20 | Wirt iz-Zejtun: Pubblikazzjoni | **l-Kunsill qabel li jixtri 20 kopja tal-pubblikazzjoni li ser toħroġ il-Fondazzjoni Wirt iz-Zejtun.** | Camilleri |
| 09. 3. 6 | 21 | Wirt iz-Zejtun: Symposium dwar il-Villa Rumana | Is-Sindku ta dettalji dwar is-symposium li ser ittella l-Fondazzjoni Wirt iż-Żejtun dwar il-Villa Rumana. | Sindku |
| 09. 3. 7 | 23 | OPM: Employee Support Programme | **Il-Kunsill qabel li l-Employee Support Programme organizzat mill-OPM isir fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun nhar it-18 ta' Settembru għall-ħlas ta' €50.** | Segretarjat |
| 09. 3. 8 | 28 | C. Bonnici: Speed camera fi Triq President A. Buttigieg | Il-Kunsill Lokali Zejtun qatt inkluż is-Sindku ma qal jew iddeċieda li ma jkunx hemm anti-speed camera fi Triq President Anton Buttigieg. Bil-maqlub, il-Kunsill flimkien mas-Sindku talbu sabiex tintuża l-mobile speed camera mit-traffic section tal-Pulizija. Il-każ tal-permanent speed camera jiddependi mill-klassifikazzjonijiet tat-triq li sfortunatament sal-lum fil-każ ta' Triq PAB, skond il-klassifikazzjoni ta' 1992, hija klassifikata bħala triq residenzjali. Barra minn hekk hija TM li tiddeċiedi dwar l-ispeed limit li ġie stabbilit għal 50kmph u l-istess TM iddeċidiet li l-aktar Triq PAB tikkwalifika għall-mobile speed camera. Il-Kunsill flimkien mar-residenti tul dawn l-aħħar 8 snin saru diversi talbiet u petizzjonijiet sabiex b'xi mod il-periklu kontinwu f'din it-triq jitnaqqas safejn hu possibli jew jiġi totalment eliminat. Billi l-inċidenti f'din it-triq baqgħu jippersistu il-Kunsill Lokali qed jagħmel talba formali għall-fixed speed camera. | Sindku Darmanin |
| 09. 3. 9 | 29 | ETC: Skema | Is-Sindku informa lill-Kunsill li s-Sur Consiglio Cumbo taħt l-iskema ta' l-ETC għamel manutenzjoni fil-playgrounds kollha. Ser isir ukoll manutenzjoni bil-cuprinol tal-mini pitch. | |
| 09. 3. 10 | 30 | F Busuttil Service Station: Traffic Management fi Triq tal-Barrani | **Il-Kunsill qabel li din il-korrispondenza għandha tintbagħat lill-TM.** | Segretarjat |
| 09. 3. 11 | 31 | Attivitajiet miż-Żejtun Corinthians | Il-Kunsill talab sabiex iz-Zejtun Corinthians jagħtu iktar informazzjoni dwar l-attivitajiet li biħsiebhom jorganizzaw nhar il-21 ta' Settembru. | Fenech |
| 09. 3. 12 | 32 | Għeluq ta' Triq Nikol Attard | Is-Segretarjat informa lill-Kunsill li bagħat ittra lir-residenti ta' Triq Nikol Attard sabiex jagħtu l-opinjoni tagħhom jekk din it-triq għandiex tingħalaq jew le. Jidher li minn 15 - il familja il-Kunsill ircieva lura 2 feedbacks li jgħidu li jaqblu u feeback oħra li ma taqbilx. Intlaħaq qbil li għandu jkollna tweġiba mill-maġġoranza tar-residenti. | Sindku Darmanin |

**09. 4.** **Ħlasijiet**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 4. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 09/12 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 09. 4. 2 | | Tabella tal-Hlasijiet 09/12 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 09/12 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| 09. 4. 3 | | Talbiet għal Xiri 09/12 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarjat |
| 09. 4. 4 | | Petty Cash - Lulju 2012 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-petty cash li ntefaq għax-xahar ta' Lulju li kien jammonta għal €130.50.** | Segretarjat |
| 09. 4. 5 | | Petty Cash - Awwissu 2012 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-petty cash li ntefaq għax-xahar ta' Awwissu li kien jammonta għal €201.83.** | Segretarjat |

**09. 5. Rapport Finanzjarju April-Ġunju 2012**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 5. 1 | | Rapport Finanzjarju April-Ġunju 2012 | Is-Segretarju Ezekuttiv ta rapport dettaljat tad-dħul u l-ħruġ tat-tieni kwart tas-sena finanzjarja April-Ġunju 2012. Dan il-kwart għalaq bi żbilanc ta' €17,000, liema żbilanċ ser jagħmel tajjeb għalih l-aħħar kwart tas-sena. | |
| 09. 5. 2 | | Approvazzjoni | **Il-Kunsill approva r-rapport finanzjarju hekk kif preżentat u għalhekk ir-rapport ġie iffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv.** | |

**09. 6. Xogħlijiet: Qasam Ħal Tmiem/Qasam Ta' Ganza/Vjal 25 ta' Novembru/Proġett Ħal Tmiem - San Niklaw**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 6. 1 | | Sindku: Xogħlijiet f'Misraħ Indipendenza | Is-Sindku spjega li x-xogħlijiet f'Misraħ Indipendenza tkomplew. Inħolqu madwar 40 parkeġġ u żdiedu 20 posta ġdida. Għalhekk issa s-Suq qed jiffunzjona aħjar. | Sindku |
| 09. 6. 2 | | Sindku: Xogħlijiet fi Vjal 25 ta' Novembru | Is-Sindku rraporta x-xogħlijiet li qed isiru fuq il-wiċċ ta' Vjal 25 ta' Novembru. Il-bażi ta' din it-triq kellha ssir mill-ġdid peress li r-radam ma kienx tajjeb u t-triq xorbot ħafna ilma. | Sindku |
| 09. 6. 3 | | Sindku: Xogħlijiet f'Qasam Ħal Tmiem | Is-Sindku spjega li bħalissa qed isir xogħol fuq ir-retaining walls ta' Ħal Tmiem kif ukoll ser isir xogħol fuq il-passaġġi bil-madum. L-istima għal dan ix-xogħol hija ta' € 75,0 inkluż programm ta' edukazzjoni soċjali. | |
| 09. 6. 4 | | Sindku: Qasam Ta' Ganza | Is-Sindku informa lill-Kunsill li qed issir l-aħħar Bill of Quantities f'Qasam Ta' Ganza fejn qed jiġu elenkati l-bżonnijiet ta' kull blokk. Il-Kunsill Lokali ser ikun responsabbli mix-xogħol, liema xogħol ser isir blokk blokk. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 09. 6. 5 | Sindku: Proġett Ħal Tmiem/San Niklaw | Il-Kunsill għadu qed jistenna l-permessi sabiex jinbeda x-xogħol fuq il-proġett kappella sa kappella. Is-Sindku informa lill-Kunsill li x-xogħol fuq Sqaq Strejnu Nru 1 tlesta. | |

**09. 7. Tender 07/12: Kostruzzjoni ta' bankini/mogħdijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 7. 1 | | Tender 07/12: Kostruzzjoni ta' bankini/mogħdijiet | Is-Segretarjat ippreżenta fuq il-mejda tal-Kunsill l-offerti li ntefgħu għal din it-tender, dik ta' CMG Developers u dik ta' Schembri Barbros. Wara li l-Kunsill evalwa l-esperjenza li għandhom dawn il-kuntratturi, **il-Kunsill qabel unanimament li l-bini tal-ħitan għandu jsir minn CMG Developers filwaqt li l-passaġġi bil-madum u l-bankini għandhom isiru minn Schembri Barbros.** | Sindku |
| 09. 7. 2 | | Tender 08/12: Ġbir ta' Skart Goff | Is-Segretarjat ippreżenta fuq il-mejda tal-Kunsill l-offerti li ntefgħu għal din it-tender u evalwhom. **Il-Kunsill qabel li għandu jagħti din it-tender lill-kuntrattur Ronald Bezzina għall-prezz ta' €2.29 kull sejħa**. Il-Kuntratt ser jidħol fis-seħħ mill-1 ta' Novembru ta' din is-sena. | Sindku |
| 09. 7. 3 | | Tender 09/12: PC-SS | Wara li l-Kunsill evalwa l-offerti li ntefgħu għal din it-tender, qabel li ż-żewġ kuntratti ie knis tat-toroq u manutenzjoni tal-latrini, għandhom ikunu mħaddma mill-istess kuntrattur. Fid-dawl ta' l-offerti sottomessi il-**Kunsill qabel li għandu jibgħat għal Absolute Cleaners (€44,900) u għal Mario Borg (€43,400)**. Hales informa lill-Kunsill li l-latrini ser ikunu unattended. Dan il-kuntratt ser jibda jopera mill-1 ta' Novembru 2012. Id-deċizjoni finali ser tittieħed fil-laqgħa li jmiss. | Hales |
| 09. 7. 4 | | Tender 06/12: Bini ta' Jogging Track | **Wara li l-Kunsill ra l-offerti li ntefgħu għal din it-tender, qabel li l-ewwel parti tal-jogging track issir minn Silvar Construction filwaqt li t-tieni parti issir minn Road Maintenance Services.** | Sindku |

**09. 8. Żejt iż-Żejtun**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 8. 1 | | Viċi-Sindku: Rapport | Il-Viċi-Sindku talbet għall-għajnuna tal-Kunsilliera sabiex jgħin f'din l-attivita' daqshekk kbira. Hija tat rapport dettaljat ta' kif ser ikun imqassam il-programm tas-Sibt 29 ta' Settembru u tal-Ħadd 30 ta' Settembru.<br>Fis-7.30pm ser jitlaq id-defile, jasal il-pjazza u jsir it-tqassim taż-żejt. Wara jiftaħ l-ewwel palk. Sadanittant fil-knisja parrokkjali ser isir kunċert mill-mużiċista Joe Carauna li ser ikun qed jixxandar ukoll fuq big screen. Fl-10.00pm jibda tieġ Malta fil-Knisja li wara jdur fit-toroq. | |

Din id-darba żdiedu iktar stalls. Fl-Istitut tan-Nazzarenu ser issir eżebizzjoni bir-rakmu tad-deheb maħdum mis-sorijiet ta' l-istess istitut. Filwaqt li f'Santa Marija ser jittellgħu sketches mid-Dulli u Veronique. Din id-darba il-grupp Nafra ser jippreżentaw il-Karnival Żejtuni bi 8 maskaruni. Minn Sant'Anġ ser titlaq it-train, din id-darba ta' Ċanċu Supreme li ddawwar lill-pubbliku preżenti madwar il-lokalita'. Fis-Salvatur ser tittella play mill-Commedia dell'Arte.

Il-baned lokali ser jieħdu sehem u ser issir kontribuzzjoni ta' €500 lil kull għaqda.

Ser issir show of arms f'San Girgor u l-Pjazza.

Bħalissa qed isir xogħol fuq l-ewwel żewġ bandolieri għal din l-attivita' mill-Għaqda ta' l-Armar kif ukoll ħjata ta' kostumi mill-Viċi-Sindku.

**Il-Kunsill qabel li issir kompetizzjoni fotografika ta' l-attivita'. Din il-kompetizzjoni ser tkun tikkonsisiti f'25 ritratt diġitali li jkun fihom azzjoni u karetteristika ta' l-attivita'. Dan isiru propjeta' tal-Kunsill Lokali. Ser ikun hemm tliet premijiet ta' €100, €75 u € 50 kif ukoll esebizzjoni tar-ritratti rebbieħa. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jsir avviż fil-gazzetta dwar il-kompetizzjoni fotografika għal Żejt iż-Żejtun.**

Din is-sena ser issir park & ride mill-Inspire Bulebel, sa Misraħ Indipendenza.

Għada 7 ta' Settembru jagħlqu l-offerti għall-bars f'Misraħ ir-Repubblika, bar ta' l-għana u bar f'San Girgor.

| 09. 9. | | **Affarijiet Oħra jekk meqjusa** | | |
|---|---|---|---|---|
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
| 09. 9. 1 | | Camilleri: Triq il-Qadi | Is-Segretarjat informa lill-Kunsill li ġie sottomess traffic management proposal għal Triq il-Qadi quddiem Transport Malta. Dwar il-parkeġġ ta' coaches u l-każ ta' Triq id-Dulliegħ, il-Kunsill talab sabiex jintbagħat reminder lill-Building Inspector tal-Mepa. | Sindku Darmanin |
| 09. 9. 2 | | Carwash - youths@local | Is-Segretarjat informa lill-Kunsill li minn car wash organizzata mill-youths@local, li saret nhar il-Ħamis 30 ta' Awwissu, inġabret is-somma ta' €191, liema somma ser tingħata lil Fondazzjoni Nazzaret waqt trasmissjoni diretta fuq One TV nhar il-Ħadd 2 ta' Settembru. | Fenech |
| 09. 9. 3 | | Sindku: Talent Show Istitut Paolo Frere u Attivita' PN | **Wara li l-Kunsill iddiskuta l-attivitajiet li saru fl-istess ġurnata mill-Istitut Paolo Frere u l-Partit Nazzjonalista, il-Kunsill Lokali qabel li m'għandhomx isiru aktar żewġ attivitajiet f'daqqa.** | Sindku |

| | | |
|---|---|---|---|
| 07. 9. 4 | Camilleri: Sleeping Policeman fi Triq Santa Marija | Camilleri reġa' fakkar lill-Kunsill fi sleeping policeman fi Triq Santa Marija qabel Sqaq Sant'Isidoru. | |
| 09. 9. 5 | Camilleri: Spralli fi Triq Sciortino | **Il-Kunsill qabel li l-ispralli ta' Triq Scirotino għandhom jitnaddfu.** | |
| 09. 9. 6 | Camilleri: Entratura Librerija Pubblika | Is-Sindku talab lill-kunsillier Camilleri sabiex iġib kwotazzjoni għal xogħol ta' tibjid u żebgħa fil-librerija pubblika. | Camilleri |
| 09. 9. 7 | Camilleri: Mera fi Triq il-Qadi | Camilleri reġa' fakkar lill-Kunsill sabiex issir mera fi Triq il-Qadi. | |
| 09. 9. 8 | Seychell: Wirja Filatelika | Seychell informa lill-Kunsill li ser tittella' l-Wirja Filatelika annwali bejn is-16 u t-28 ta' Ottubru. | |
| 09. 9. 9 | Seychell: Bankina f'Misraħ Diċembru XIII | Seychell talab sabiex il-bankina minn fejn l-Għaqda ta' l-Armar sat-tarag tal-Knsija Parrokkjali issir iktar aċċessibli. Il-Kunsill laqa' din it-talba. | |
| 09. 9. 10 | Viċi-Sindku: Refreshing ta' road markings | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex isir refreshing ta' reserved parking bays fi Triq Lorenzo Gafa' u Triq Anġlu Grima. | |
| 09. 9. 11 | Viċi-Sindku: Kids Club | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li minn Ottubru ser jerġa' jibda jiltaqa' l-Kids Club. | Viċi-Sindku |
| 09. 9. 12 | Viċi-Sindku: Kors ta' Parenting Skills | **Il-Kunsill qabel li jsir kors ta' parenting skills ġewwa l-Kunsill Lokali. Dan ser jibda fid-19 ta' Ottubru. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jsir avviż fil-gazzetta dwar dan il-kors.** | Viċi-Sindku |
| 09. 9. 13 | Hales: Mozzjoni Child Day Care Centre | Hales ippropona li l-impjegati tal-Kunsill għandhom ikollhom trattament preferenzjali rigward ħlasijiet tac-Child Day Care Centre. **Il-Kunsill qabel li jitniżżlu fil-kundizzjoni tat-tender.** | |
| 09. 9. 14 | Hales: Għeluq ta' Triq Arċipriet Degabirele għal heavy vehicles | **Il-Kunsill qabel mal-proposta li Triq Arċipriet Degabirele tingħalaq għall-vetturi kbar ħlief għall-coaches ta' l-iskola u l-Arriva.** | |
| 09. 9. 15 | Hales: Triq tissemma għall-Perit Duminku Mintoff | Il-Kunsill iddiskuta l-proposta tal-Kunsillier Hales sabiex Triq Santa Monika tinbidel u issir Triq il-Perit Duminku Mintoff. Wara li l-Kunsill evalwa l-proposta, ġie deċiż b'mod unanimu li m'hemm ebda oġġezzjoni li tissemma triq fiż-Żejtun għal Perit Duminku Mintoff iżda irid isir aktar studju liema triq fiż-Żejtun tista' tingħażel għal dan il-għan speċjalment meta fiż-Żejtun m'għandna l-ebda triq ġdida bla isem. | |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fl-9.50pm. Laqgħa oħra ser issir nhar l-Erbgħa 19 ta' Settembru, 2012 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm.

Sindku

Segretarju Eżekuttiv